MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 799/2014

**Rikors Nru.: 799/14LM**

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**vs**

**(1) Is-socjetà "A. Baran Limited" (C39371) u (2) Sherif u Svetlana konjugi El Sherif**

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-Rkors Maħluf tas-socjetà rikorrenti ppreżentat fit-12 ta' Settembru 2014, li bih ippremettiet u talbet :

*"Illi s-socjetà attriċi kienet selfet is-somma ta' sitta u għoxrin elf u sebgħa u erbgħin euro (€26,047) lill-konvenuti permezz ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello tat-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) liema kuntratt qed jiġi hawn anness u immarkat bħala dok "A".*

*Illi l-konvenuti m'osservawx it-termini ta' pagament tal-kuntratt ta' self in kwistjoni u s-socjetà attriċi għad fadlilha tieħu mingħand il-konvenuti l-ammont bilanċjali ta' għoxrin elf, erba' mija, erbgħa u erbgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€20,444.48) kif jirriżulta mir-resokont datat tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) hawn allegat bħala Dok "B".*

*Illi dan l-ammont baqa' ma ġiex saldat u dana minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, din is-somma ta' €20,444.48 hija ċerta, likwida u dovuta u l-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jressqu għall-ħlas ta' dan id-debitu.*

*Għaldaqstant jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex in vista tas-suespost:*

*1. Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta); u*

*2. Tikkundanna l-konvenuti jħallsu s-somma ta' €20,444.48 rappreżentanti l-ammont bilanċjali dovut mill-konvenuti lis-soċjetà attriċi kif ingħad kif ukoll bl-imgħax kummerċjali mid-data tar-resokont imsemmi sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2162/2014 kontra l-konvenuti li ġiet notifikata nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensur tas-socjetà attriċi.

**Ikkunsidrat:**

**B. PROVI:**

Illi l-intimati debitament notifikati skont il-liġi baqgħu ma dehrux u ma deher ħadd għalihom u għalhekk din il-Qorti tqis li l-konvenuti ma

kellhomx difiża x'jagħmlu fir-rigward tat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

**C. KONKLUŻJONIJIET:**

**Illi għalhekk it-talbiet tas-socjetà attriċi huma ġustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12, tilqa' t-talbiet tas-socjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' €20,444.48, bl-imgħax kummerċjali dekoribbli mis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 2162/2014 kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------